# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 30 ta’ Marzu 2001.**

**Numru 14**

**Citaz. numru 45/96 GCD**

**Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Anthony Cardona u b’digriet ta’ l-4 ta’ Ottubru 1996 issejhet fil-kawza Cynthia Ruggier gja’ Briffa**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fis-6 ta’ Marzu 1998, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ppronunzat is-segwenti sentenza f’kawza promossa mill-Korporazzjoni Telemalta kontra l-konvenut Tony Cardona u l-kjamata fil-kawza Cynthia Ruggier gja’ Briffa.

"F'din il-kawza l-Korporazzjoni attrici qieghda titlob il-hlas ta' sitt mija u tmienja u sebghin lira u tlettax-il centezmu (Lm678.13) ghas-servizz tat-telephone bin-numru 436886.

Il-kawza kienet inbdiet bil-procedura sommarja specjali, izda l-konvenut thalla jikkontesta u ressaq dawn l-eccezzjonijiet :

1. il-fond fejn kien stallat is-servizz tat-telephone ma hux tieghu u qatt ma kien f'idejh ; u

2. il-kont tat-telephone ghandha thallsu Cynthia Briffa li ghalhekk ghandha tissejjah fil-kawza.

Cynthia Briffa fil-fatt issejhet fil-kawza b'digriet ta' l-14 ta' Ottubru 1996, u ressqet dawn l-eccezzjonijiet :

1. it-telephone li ghalih qed jintalab hlas qatt ma kien f'isimha, u hi qatt ma nqdiet bis-servizz, hlief eccezzjonalment u bil-permess tas-sid ;

2. it-telephone kien stallat fil-fond tal-konvenut u kellu extension f'mini marke fil-qrib, proprjeta' ta' Oliver Ruggier u mikri lil Louis Sergeant ;

3. hi ma ghandha x'taqsam xejn mal-kont, u ma ghandhiex thallsu hi.

Il-fatti tal-kaz huma dawn : Il-konvenut kien kera fond minghand certu Oliver Ruggier, u kien ukoll dahhal linja tat-telephone fuq ismu f'dan il-fond. Jidher izda li fil-fatt dan il-fond ma nqediex bih u ghalhekk is-sid talbu biex il-linja tittiehed fi flat iehor fil-qrib. Il-konvenut accetta izda flok ghamel talba lill-Korporazzjoni attrici biex il-linja minn ismu tinqaleb ghal fuq Ruggier, ghamel biss talba biex il-fond mill-post fejn kien jittiehed fil-post l-iehor[1]. Ghalhekk gara li l-linja, ghalkemm baqghet f'isem il-konvenut, beda jinqeda biha haddiehor.

Ghal din ir-raguni l-konvenut qed ighid li ma huwiex hu dak li ghandu jhallas il-kont,

Il-Qorti tifhem l-atteggjament tal-konvenut u tissimpatizza mieghu fis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha. Madankollu, din is-sitwazzjoni gabha b'idejh : jekk hu iffirma karti li ma kienx jaf x'inhuma, u hekk ippermetta lil haddiehor jinqeda bit-telephone tieghu, impuet sibi, u ma jistax b'hekk jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu lejn il-Korporazzjoni attrici. Kien imissu mexa b'aktar ghaqal flok halla

[1] Dok. SF2 fol. 32.

> f'idejn haddiehor. Naturalment, jekk kien imqarraq, ikollu rimedju kontra min qarraq bih, izda dan ma jnaqqas xejn mid-drittijiet tal-Korporazzjoni attrici.
>
> Naraw issa x'inhi l-pozizzjoni ta' l-imsejha fil-kawza.
>
> Ix-xiehda turi li l-imsejha fil-kawza ma nqdietx bit-telephone ghall-ghanijiet taghha izda bhala impjegata ta' Oliver Ruggier. Fil-fatt, kien dan Oliver Ruggier, mhux l-imsejha fil-kawza, li f'xi okkazjonijiet hallas il-kont. Ghalhekk ma hemm ebda raguni ghala l-imsejha fil-kawza ghandha thallas ghal servizz li ma nqdietx bih, u l-Qorti sejra tehlisha mill-harsien tal-gudizzju.
>
> Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti wara li tehles lill-imsejha fil-kawza mill-harsien tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici kontra l-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas sitt mija u tmienja u sebghin lira u tlettax-il centezmu (Lm678.13), flimkien ma' l-imghax mit-8 ta' Jannar 1996, meta kienet prezentata c-citazzjoni, u l-ispejjez kollha."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appella biss il-konvenut Anthony Cardona. Isostna illi l-ammont reklamat mill-Korporazzjoni attrici kellu jigi addebitat lill-kjamata fil-kawza Cynthia Briffa ghaliex kien jirrizulta mill-provi illi kienet hi li ghamlet uzu mis-servizz.

Il-konvenut appellant infatti jaghti dan l-isfond ta' fatt fil-fehma tieghu determinanti ghat-tezi tieghu.

(1) Is-servizz tat-telefon kien originarjament jinstab fil-fond M4 Salon, Triq il-Mosta, Attard, minn fejn hu kien bi hsiebu jibda jiggestixxi negozju. Dan il-fond kien ta' proprjeta' ta' Oliver Ruggier.

(2) Fil-25 ta' Jannar 1991, hu kien iffirma applikazzjoni sabiex is-servizz tat-telefon bin-numru 499931 li kien installat fil-fond appena ndikat jigi trasferit ghal gewwa l-fond M4 Flat, numru 7, Triq il-Ferrovija, Attard.

(3) Li fil-5 ta' Lulju 1991, hu kien iffirma ftehim rigward it-transfer tas-servizz tat-telefon minn gewwa l-fond M4 Salon, ghall-appartament numru 7, M4 Flats, Triq il-Ferrovija, Attard.

(4) Li fit-28 ta' Jannar 1992, gie installat is-servizz tat-telefon b'dan in-numru gewwa l-fond gdid M4 Flats, u jirrizulta minn dokumenti tal-Korporazzjoni attrici dikjarazzjoni ffirmata mill-kjamata fil-kawza Cynthia Briffa illi "*The work has been carried out to my satisfacfaction*". Din il-kjamata fil-kawza kienet iffirmat fil-post li kien allokat ghal "*Subscriber's signature*".

(5) Minn dakinhar li saru x-xogholijiet tat-trasferiment tal-linja 'l quddiem il-kontijiet tat-telefon ghal dan in-numru bdew jintbaghtu fil-fond fejn il-linja kienet giet trasferita. Il-konvenut jikkontendi li hu qatt m'ghamel uzu minn din il-linja u bhala fatt jirrizulta li din bdiet tinqeda biha l-kjamata fil-kawza u dana fil-fond li kien effettivament ir-residenza taghha. L-appellant allura jissottometti li hu ma kellux jigi kundannat

ihallas ammont reklamat mill-Korporazzjoni attrici li kjarament kien jirriferi ghal servizz utilizzat minn haddiehor.

Id-diffikulta' tal-appellant f'din il-kawza ma temergix minn dubbju dwar min utilizza s-servizz. Temergi minn definizzjoni ta' rabta kuntrattwali bejn il-Korporazzjoni attrici u dak li ddikjara ruhu bhala l-utent tas-servizz. L-atti processwali juru li l-Korporazzjoni appellata pprovat a sodisfazzjon tal-Qorti li r-relazzjoni kuntrattwali li kellha mid-data tal-ghoti tas-servizz tat-telefon fir-rigward tal-linja de quo sa meta dan is-servizz gie terminat kienet biss mal-appellant. Il-ftehim dwar is-servizz gie ffirmat mill-appellant wahdu li talab u ottjena t-trasferiment tal-linja minn fond ghall-iehor. Minn imkien ma jirrizulta illi l-appellant b'xi mod informa lill-Korporazzjoni appellata illi hu ma kienx ser ikun l-utent ta' din il-linja. Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni li kellha ta' bilfors, anke skond ir-regolamenti li jiggvernaw l-attivita' tal-Korporazzjoni attrici, tigi segwita b'formalita ta' trasferiment ta' linja, tqis l-appellant bhala li kien u baqa' is-*subscriber* taghha responsabbli ghall-kontijiet sal-mument meta s-servizz gie terminat.

Hu ghal kollox irrilevanti ghall-Qorti l-uzu li bhala fatt kien qed isir mil-linja in kwistjoni. Lanqas hi relevanti x'relazzjoni kien hemm interna bejn l-appellant u l-kjamata fil-kawza u x'kienet ir-raguni ghaliex il-linja telefonika kienet giet mill-fond trasferita ghall-fond iehor fuq

struzzjonijiet tal-appellant. Dawn il-fatturi kienu ghall-Korporazzjoni attrici appellata res inter alios acta u hekk kellha tqishom il-Qorti.

L-appellant jissottometti wkoll illi l-kjamata fil-kawza kienet ghamlet xi hlasijiet ghas-servizz tat-telefon minnha utilizzat fil-fond fejn gie trasferit. Anke dan pero’ ma hu tal-ebda importanza ghall-kaz taht ezami in kwantu hu risaput li kull persuna tista’ thallas id-dejn ta’ haddiehor. Jista’ naturalment ikun rilevanti l-likwidazzjoni tal-pendenzi bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawza. Din il-Qorti ma tarax raguni ghaliex ghandha allura tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti u ssib li l-appell ma jistax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg

mg